FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 6 TA' DICEMBRU, 1996

Avv Nru.422/96

Tessons Snack Foods Ltd.

vs

Alexander Borg

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru, 1996, fejn premess illi merkanzija ammontanti ghall-Mitt Lira Maltija, (Lm100), giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, u li dana ma hallasx ghaliha;

Illi minkejja diversi ittri interpellatorji mibghuta mill-attur lill-konvenut fejn huwa gie mitlub biex ihallas, dana baqa' inadempjenti u ma hallasx l-ammont dovut;

Talab lit-Tribunal li jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitt Lira Maltija (Lm100), flimkien mal-interessi ta' tmienja fil-mija mit-12 ta' Frar, 1996 sad-data tal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez.

Ra li l-konvenut debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni baqa' ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Ra n-nota tal-attur noe tal-5 ta' Dicembru, 1996, li biha, ghall-fini ta' kompetenza, irrinunzja ghat-talba ghall-imghax.

Semgha lil Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier imsemmi fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

In vista tal-fatt illi jirrizulta li l-pagament mitlub ghadu ma sarx u huwa tassew dovut, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Mitt Lira Maltin, (Lm1ØØ).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.